**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TAL-GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 30 ta' Mejju, 2018**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Stuart Piscopo**
**(ID 385190(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Stuart Piscopo, ta' 18-il sena, iben missier mhux maghruf u Rita nee` Piscopo, imwieled Pieta` fit-23 ta' Lulju 1990, residenti Nru. 3, Triq il-Macina, Isla u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 385190(M);

Akkuzat talli fl-14 ta' Frar 2009 u fil-gimghat ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

1. Biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkolhom bhala bazi din r-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma kellu licenza taht l-Att dwar l-Armi.

Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala wiehed li kkommeta reat fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew centru taz-zaghzagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh jew li kkommetta reat li jkun jikkonsisti fil-bejgh, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi program ta' kura jew ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta[1];

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2015[2], il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa fil-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Mix-xhieda tal-Maggur 1448 Victor Buttigieg jirrizulta illi fl-14 ta' Frar 2009, il-Pulizija tal-ghassa taz-Zurrieq ircevew telefonata anonima u dan fis-sens illi hdejn il-bandli ta' Hal Safi kien hemm persuna mitluqa mal-art. Hekk kif l-imsemmi Maggur mar fuq il-post flimkien mal-kollegi tieghu, sabu lil certa Chantelle Piscopo mitluqa fuq bankina, mitlufa minn sensiha u tirremetti. Din kienet qeghda hdejn vettura hamra tal-marka Golf bin-numru ta' registrazzjoni KBG 209. Fuq il-post kien hemm ukoll certu Amadeo Pace, ixarrab wicc Piscopo bl-ilma. Piscopo ittiehdet l-isptar permezz ta' ambulanza. Minn tfittxija li saret fuq Amadeo Pace ma nstab xejn illegali, izda meta saret tfittxija fil-basket li halliet warajha Piscopo,

---
[1] A fol. 2 tal-process.
[2] A fol. 103 tal-process.

instabet bicca blokka kannella. Izjed tard l-imsemmi Maggur mar gewwa l-isptar fejn kellem lil Piscopo fil-presenza ta' missierha. Din qalet li kienet ftehmet ma' Amadeo Pace biex johorgu, marret id-dar tieghu fejn xorbot xi zewg tazzi nbid, imbaghad marru l-pjazza tal-Isla hdejn il-knisja u hemmhekk ftehmu mal-kugin taghha, certu Stuart Gatt (li mill-kumplament tal-provi prodotti jirrizulta illi kien Stuart Piscopo ossia l-imputat odjern) biex jixtru l-blokka, stennewh kwarta, gie lura u tahom il-blokka, li ghaliha hallsu €25. Pejjpu minnha u wara zewg nifsijiet intilfet minn sensiha. Mistoqsija dwar il-blokka li nstabet fil-pussess taghha ossia fil-basket, hija qalet li ma kinitx taf li fil-basket kellha d-droga, ghaliex din kienet ta' Amadeo Pace.[3]

Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur jirrizulta illi huwa kellem kemm lil Chantelle Piscopo, kif ukoll lil Amadeo Pace, li rrilaxxjaw l-istqarrijiet taghhom.[4] Sussegwentement, Chantelle Piscopo ikkonfermat l-istqarrija taghha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Anthony J. Vella nhar is-16 ta' Frar 2009.[5] Fid-dawl tax-xhieda tal-istess Chantelle Piscopo, l-Ispettur Fenech ottjena mandat fil-konfront ta' Stuart Piscopo, l-imputat odjern, li gie esegwit fis-27 ta' Marzu 2009. Waqt tfittxija gewwa r-residenza tieghu ma nstabitx droga, izda nstab dak li l-Ufficjal Prosekutur isejjahlu bhala skartocc vojt. L-imputat odjern, imbaghad, irrilaxxja zewg stqarrijiet, wahda nhar is-27 ta' Marzu 2009 u ohra nhar it-28 ta' Marzu 2009, liema stqarrijiet gew ikkonfermati minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke nhar it-28 ta' Marzu 2009.[6]

Kemm Chantelle Piscopo, kif ukoll Amadeo Pace xehdu in ezami u in kontro-ezami f'dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fl-ewwel lok, matul dawn il-proceduri, id-difiza talbet l-isfilz tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat lill-pulizija u tax-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti u dan stante illi dak iz-zmien, huwa ma kienx assistit minn avukat.[7]

Kif inghad, jirrizulta illi l-imputat odjern irrilaxxja z-zewg stqarrijiet tieghu lill-pulizija nhar is-27 ta' Marzu 2009 u nhar it-28 ta' Marzu 2009 rispettivament, u

---

[3] Ara x-xhieda tal-Maggur 1448 Victor Buttigieg, a fol. 45 *et seq* tal-process.
[4] Ara x-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech a fol. 10 tal-process.
[5] Il-process verbal dwar din l-istqarrija guramentata jinsab esebit a fol. 12 *et seq* tal-process.
[6] Il-process verbal dwar l-istqarrija guramentata ta' Stuart Piscopo jinsab esebit a fol. 29 *et seq* tal-process.
[7] Ara l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar 2016, a fol. 107 tal-process.

dan għalhekk fiż-żmien meta l-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata d-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha.
Dan id-dritt daħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviż Legali 35/2010. F'dan ir-rigward, il-posizzjoni legali llum hija waħda ċara. Bizzejjed illi l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Ġenerali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Ġenerali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Ġenerali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*" Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi la darba l-imputat ma ngħatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irilaxxja l-istqarrijiet tiegħu, liema stqarrijiet ċertament kienu ta' preġudizzju għalih għaliex fihom għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti, il-Qorti m'hijiex qed tqis tali stqarrijiet bħala ammissibbli u qegħda tiskartahom, kif qegħda tiskarta wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech in kwantu din tirreferi għal dak li stqarr l-imputat odjern waqt l-istess stqarrijiet.[8]

Kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat ma rrilaxxjax biss dawn l-istqarrijiet, iżda fit-28 ta' Marzu 2009, huwa xehed ukoll quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fejn huwa kkonferma l-istess stqarrijiet tiegħu. Jirriżulta mill-atti tal-process verbal dwar l-istess stqarrijiet ġuramentati tal-imputat, illi huwa ġie mwissi mill-Maġistrat Inkwirenti li huwa ma kienx obbligat li jirrispondi mistoqsijiet li jistgħu jinkriminawh u dak li jingħad jista' jintuża fi proċeduri kriminali anke kontra tiegħu, iżda huwa għażel li xorta jirrispondi.[9] Naturalment ma jirriżultax illi l-imputat ingħata d-dritt għall-assistenza legali mill-Maġistrat Inkwirenti qabel huwa ta x-xhieda tiegħu u dan għaliex kif ingħad, dan il-jedd ma kienx daħal fis-seħħ fiż-żmien tal-każ odjern. Dak li trid tikkunsidra din il-Qorti għalhekk huwa jekk il-posizzjoni legali u prevalenti llum dwar l-istqarrija rilaxxjata minn persuna arrestata lill-pulizija eżekuttiva hijiex applikabbli wkoll fir-rigward ta' xhieda mogħtija quddiem Maġistrat Inkwirenti, meta f'dan l-istadju, l-imputat lanqas ma ngħata d-dritt għall-assistenza legali qabel huwa ta din ix-xhieda tiegħu.

---

[8] Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Frar 2017 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Ramon Fenech.**
[9] Ara a fol. 41 tal-process.

Din kienet il-kwistjoni deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Mejju 2017 fir-Referenza Kostituzzjonali li saret lilha minn din il-Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi**, liema sentenza ghaddiet in gudikat. F'dak il-kaz, Azzopardi kienet irrilaxxjat stqarrija lill-Pulizija Ezekuttiva fi Frar 2004, fiz-zmien ghalhekk meta hija ma kellhiex jedd fil-ligi illi tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha, u ftit tal-hin wara, hija dehret quddiem il-Magistrat Inkwirenti, fejn mhux biss ikkonfermat din l-istqarrija, izda kompliet tixhed b'mod dettaljat. F'din is-sentenza, il-Qorti ghamlet referenza *inter alia* ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **A.T. v Luxembourg** tad-9 ta' April 2015, f'liema kaz ir-rikorrenti kien gie interrogat mill-pulizija minghajr l-assistenza ta' avukat, minkejja li talab tali assistenza u l-ghada gie interrogat mill-gdid minn Imhallef Investigattiv, inghata d-dritt li jkun assistit minn avukat u effettivament gie assenjat avukat u sussegwentement gie interrogat fil-presenza tieghu, izda r-rikorrenti lmenta illi ma nghatax il-possibilita` li jikkomunika mal-avukat qabel u waqt dan l-interrogatorju u in oltre illi s-semplici presenza tal-avukat, meta dan seta' biss jibqa' sieket, ma kinitx tikkostitwixxi assistenza reali u effettiva.

Dwar il-principji ta' dritt applikabbli f'dak il-kaz, dik il-Qorti sostniet hekk:

"*62. The Court reiterates that although the primary purpose of Article 6, as far as criminal proceedings are concerned, is to ensure a fair trial before a "tribunal" competent to determine "any criminal charge", it may also be relevant before a case is sent for trial if and in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions (see Salduz, cited above, § 50, and Panovits v. Cyprus, no. 4268/04, § 64, 11 December 2008). Furthermore, the right set out in paragraph 3 (c) of Article 6 is one element, amongst others, of the concept of a fair trial in criminal proceedings contained in paragraph 1 (see Imbrioscia v. Switzerland, 24 November 1993, § 37, Series A no. 275, and Brennan v. the United Kingdom, no. 39846/98, § 45, ECHR 2001-X).*

*63. The right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer is one of the fundamental features of a fair trial (see Krombach v. France, no. 29731/96, § 89, ECHR 2001-II). In order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective", Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of the case that there are compelling reasons to restrict that right. The Court specifies that even in such cases, denial of access to a lawyer*

*must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6, and that the rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55). The Court found a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) notwithstanding that the applicant had subsequently benefited from legal assistance and adversarial proceedings, having noted, in particular, that the restriction in question on the right to a lawyer had been based on the systematic application of legal provisions (see Salduz, cited above, §§ 56 and 61).*

*64. The fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or otherwise remanded in custody, whether interrogations take place or not. The Court emphasises in that respect that the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance, pointing out that discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention were fundamental aspects of the defence which the lawyer must be able to exercise freely (see Dayanan, cited above, §§ 31-33). Moreover, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at the investigation stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure tends to become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself (see Pavlenko v. Russia, no. 42371/02, § 101, 1 April 2010).*

*65. The Court has had occasion to reiterate that, first of all, a person "charged with a criminal offence" within the meaning of Article 6 of the Convention is entitled to receive legal assistance from the time he or she is taken into police custody or otherwise remanded in custody and, as the case may be, during questioning by police or by an investigating judge; secondly, while a restriction of this right may in certain circumstances be justified and be compatible with the requirements of that Article, any such restriction that is imposed by a systemic rule of domestic law is inconsistent with the right to a fair trial (see Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, § 31, 28 August 2012, and Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, § 80, 24 October 2013).*

*66. Neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial (see Kwiatkowska v. Italy (dec.), no. 52868/99, 30 November 2000, and Ananyev v. Russia, no. 20292/04, § 38, 30 July 2009). However, if it is to be effective for Convention purposes, a waiver of the right to take part in the trial must be established in an unequivocal manner and be attended by minimum safeguards commensurate to its importance (see Salduz, cited above, § 59, and Yoldaş, cited above, § 51).”*

F’dak il-kaz, dwar il-fatt illi r-rikorrenti gie mcahhad mid-dritt ta’ assistenza legali waqt l-interrogatorju tieghu mill-pulizija, il-Qorti nnutat li fiz-zmien in kwistjoni, il-ligi vigenti kienet tipprekludih minn tali assistenza. Ghalkemm huwa nnega l-akkuzi migjuba kontra tieghu u m’ghamel l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f’dan l-istadju, biss il-Qorti enfasizzat li l-istadju investigattiv ta’ proceduri kriminali hija ta’ importanza krucjali stante li l-provi li jingabru f’dan l-istadju jiddeterminaw il-qafas li fih tigi kkunsidrata l-akkuza li talvolta imputat jew akkuzat jigi mixli biha. Il-Qorti tal-Appell li ggudikat u kkonfermat il-htija tar-rikorrenti f’dak il-kaz, kienet espressament irreferiet ghall-istqarrijiet li kien irrilaxxja r-rikorrenti waqt l-interrogatorju tieghu mill-pulizija u sabet li ma kienx konsistenti fihom. Ghalhekk, qalet il-Qorti, certament illi ma jistax jinghad illi dawn ma kellhom l-ebda influwenza fuq id-decizjoni finali. Fid-dawl ta’ dan kollu, ghaddiet biex issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni, flimkien mal-Artikolu 6(1) u dan “*on the grounds that the applicant did not benefit from the assistance of a defence lawyer during his police hearing and that the courts failed to provide redress for the consequences of such lack of assistance*.”

Dwar l-ilment tar-rikorrenti li huwa ma nghatax il-possibilita` li jikkomunika mal-avukat assenjat lilu qabel l-interrogatorju tieghu mill-Imhallef Investigattiv, il-Qorti wkoll sabet ksur tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u dan wara li osservat is-segwenti:

“*86. The Court notes the importance of consultations between the lawyer and his client upstream of the first interrogation by the investigating judge. This is an opportunity for holding crucial exchanges, if only for the lawyer to remind his client of his relevant rights. That is especially true where, as in the present case, the applicant was questioned by the police the day before without counsel and a lawyer had just been officially appointed on the morning of the interrogation by the investigating judge.*

*87. The lawyer must be able to provide effective and practical assistance, not just abstract backing via his presence, during the first interrogation by the investigating judge. Accordingly, the consultation between the lawyer and his client upstream of the interrogation must be unequivocally enshrined in legislation. However, that is not the case in Luxembourg. Article 84 of the Code of Criminal Procedure does not provide that accused persons can consult their lawyers before the first interrogation by the investigating judge, as in fact recommended by Article 3 of Directive 2013/48/EU ... On the contrary, the actual wording of the provision in question gives the impression that no communication is possible before the first interrogation. Such a legislative position might suggest to accused persons that there is no point in demanding discussions with their lawyer before the first interrogation."*

Il-Qorti ghalhekk tinnota illi skont din id-decizjoni, minkejja li r-rikorrenti gie assenjat avukat qabel it-tieni interrogatorju tieghu, din id-darba minn Imhallef Investigattiv, la darba huwa ma nghatax l-opportunita` li jikkomunika mal-istess qabel tali interrogatorju, tali assistenza ma kinitx wahda effettiva, bir-rizultat li gie ddikjarat illi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq kien gie lez.

Fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Josianne Azzopardi, fuq indikata, il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi ohrajn tal-Qorti Ewropea, fosthom Mario Borg v Malta (12 ta' Jannar 2016), fejn dik il-Qorti osservat *inter alia* illi "*no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law…*" [sottolinear ta' din il-Qorti] u illi l-fatt illi r-rikorrenti ma nghatax id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadji inizjali qabel il-proceduri (*pre-trial stage*) bhala rizultat ta' restrizzjoni sistematika applikabbli ghall-persuni akkuzati kollha m'huwiex konformi mar-rekwiziti tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Dik il-Qorti ghamlet referenza wkoll ghal sentenza ohra tal-istess Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Raymond Bonnici vs Avukat Generali deciza fid-29 ta' Marzu 2017, fejn inghad hekk:

"*1. Huwa ormai inkontestabbli li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprotegu d-dritt ta' persuna suspettata li titlob l-assistenza ta' avukat sa mill-ewwel interrogatorju li jsirilha mill-pulizija, ghajr ghal cirkustanzi mpellenti li jippermettu r-restrizzjoni ta' dan id-dritt;*

*2. Fi kwalunkwe kaz, kull restrizzjoni ghal dan id-dritt m'ghandhiex tippregudika rrimedjabilment id-drittijiet tal-akkuzat taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;*

*3. It-thaddim ta' dawn il-principji huwa partikolarment necessarju f'kazijiet fejn persuna tkun iffacjata b'akkuzi serji ghaliex huwa fl-isfond tal-pieni l-aktar iebsa li r-rispett tal-Istat lejn id-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jkun garantit sal-oghla grad f'socjeta` demokratika;*

*4. Id-dritt tal-akkuzat jigi pregudikat b'mod irrimedjabbli meta huwa jirrilaxxja stqarrijiet minghajr assistenza legali, anke jekk b'mod volontarju u wara li nghata s-solita twissija mill-Pulizija, liema stqarrijiet jintuzaw kontrih fil-proceduri kriminali li jinfethu kontra tieghu;*

*5. Inoltre, ghalkemm ic-cahda ta' dan id-dritt hija wahedha leziva rrispettivament mill-vulnerabilita' o meno tal-persuna ndagata, jekk jigi muri li fl-istadju tal-interrogazzjoni l-persuna nvestigata tkun fi stat fragli, dan ukoll ikollu mpatt negattiv fuq id-dritt ghas-smiegh xieraq ta' dik il-persuna fil-proceduri li jkunu tmexxew kontriha.*

*Stabbilit dawn il-principji din il-Qorti però ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni gurisprudenza aktar ricenti li fil-fehma taghha sahhet dak minnha enfasizzat fid-decizjonijiet surriferiti, cioè kemm kienet incisiva u determinanti l-istqarrija mehuda qabel l-emendi msemmija tas-sena 2010, allura bla dritt ta' assistenza legali senjatament waqt l-interrogazzjoni, fil-process kriminali innifsu u l-aktar il-piz moghti lilha mill-Qorti fid-decizjoni taghha, jekk instabet htija. Dan ghaliex ebda stqarrija hekk mehuda ma tista tigi apprezzata jekk mhux fid-dawl tal-proceduri kriminali fl-intier taghhom u b'mod partikolari l-impatt taghha fuq il-gudizzju finali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Wara li fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Josianne Azzopardi, il-Qorti rreferiet ukoll ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Clayton Azzopardi deciza fit-13 ta' Frar 2017, fejn il-Qorti ghamlet distinzjoni bejn dawk il-kazijiet fejn il-proceduri kriminali jkunu ntemmu u dawk li jkunu ghadhom pendenti u fejn fir-rigward ta' dan l-ahhar kaz, sostniet illi la darba l-proceduri jkunu ghadhom pendenti ma jkun sehh ebda ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq, izda jkun hemm dan il-ksur jekk isir uzu mill-istqarrija (mehuda minghajr il-jedd ghall-assistenza legali) fil-process kriminali, kompliet hekk:

"*Din il-Qorti taqbel perfettament mal-insenjament tal-Qrati fid-deċiżjonijiet ċitati. L-Avukat Ġenerali ma ġab l-ebda ġustifikazzjoni għaliex kien hemm restrizzjoni għall-aċċess tar-rikorrenti għall-avukat ħlief li l-liġi kif kienet ma kinitx tipprovdi*

*għal tali dritt favur persuna arrestata. B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti ssib illi minkejja li d-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq ma ġiex leż f'dan l-istadju, ċertament illi sseħħ leżjoni f'każ illi l-istqarrija li tat lill-pulizija fit-13 ta' Frar 2004 u dik li għamlet aktar tard dak inhar quddiem il-Maġistrat Inkwerenti jibqgħu jagħmlu parti mill-proċeduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti referenti. Il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ukoll illi r-rikorrenti kellha biss tmintax-il sena meta seħħ dan l-episodju u kienet l-ewwel darba li ġiet arrestata u tressqet il-Qorti, fejn mhux biss ikkonfermat l-istqarrija tagħha kif kienet minghaliha li ser tagħmel, iżda effettivament irrilaxxat stqarrija oħra pjuttost dettaljata u dan kollu mingħajr ma kienet ingħatat xi forma ta' assistenza legali, bir-riżultat illi, kif jikkonferma wkoll l-Ispettur Josric Mifsud, hija kienet aġitata waqt li kienet qiegħda tirrilaxxa l-istqarrija tagħha.*" [sottolinear tal-Qorti]

Jirrizulta ghalhekk illi a bazi tas-sentenzi minnha citati, fil-kaz Il-Pulizija vs Josianne Azzopardi, il-Qorti qieset bl-istess mod l-istqarrija li giet rilaxxjata mir-rikorrenti lill-Pulizija Ezekuttiva u x-xhieda taghha moghtija quddiem il-Magistrat Inkwirenti u dan stante li fiz-zewg kazijiet, ma kinitx inghatat id-dritt ghall-assistenza legali. Qieset ukoll in oltre il-vulnerabilita` tal-persuna interrogata ossia li kienet ta' eta` tenera u li din kienet l-ewwel darba li kienet giet arrestata u mressqa quddiem il-Qorti.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-jedd ghall-assistenza legali gie anke estiz f'dawk il-kazijiet fejn akkuzat gie moghti l-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu, inkluz id-dritt tieghu ghas-silenzju u meta huwa kien effettivament ezercita dan id-dritt u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija maghmula lilu. F'Dayanan v Turkey, deciza fit-13 ta' Ottubru 2009, il-Qorti Ewropea qalet hekk:

"*33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see Salduz, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody.*" [sottolinear tal-Qorti]

Din il-Qorti hija konxja wkoll mis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Tyrone Fenech u Pulizija vs Amanda Agius decizi t-tnejn fit-22 ta' Frar 2013 fejn il-Qorti sabet illi l-uzu tal-istqarrija rilaxxjata lill-pulizija, minghajr l-assistenza ta' avukat, ikun bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan ghaliex din ma nghatatx f'cirkostanzi li jiggarantixxu l-legittimita` tal-istess, tenut kont tal-vulnerabilita` tal-istess Fenech u Agius ossia tal-eta` taghhom fiz-zmien li ttiehdet

l-istqarrija. Dik il-Qorti kkonkludiet ukoll li ma jistax jinghad l-istess fir-rigward ta' stqarrijiet mahlufa quddiem Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex "*Il-preżenza ta' maġistrat, uffiċjal ġudizzjarju indipendenti mill-pulizija, hija garanzija biżżejjed illi l-istqarrija tingħata b'għażla ħielsa, volontarjament, u ma tiġix imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi*."

Biss il-Qorti tinnota illi wara dawn is-sentenzi u wara li sussegwentement gie deciz il-kaz ta' <u>Mario Borg v Malta</u> mill-Qorti Ewropea, saru zviluppi gurisprudenzjali in linea ma' din l-ahhar sentenza, kif jirrizulta mis-sentenzi citati izjed 'il fuq, inkluz dawk moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali.

Il-Qorti tqis illi mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea huwa evidenti li m'huwiex bizzejjed li jigi assigurat li s-suspettat jew l-arrestat ikun gie mwissi li ghandu d-dritt ghas-silenzju, izda ghandu jinghata wkoll id-dritt ghall-assistenza legali sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni tal-pulizija. Il-Qorti Ewropea ma jidhirx li taghmel distinzjoni bejn stqarrija rilaxxjata lill-pulizija u stqarrija guramentata quddiem awtorita` gudizzjarja, minkejja li din tal-ahhar hija indipendenti mill-Pulizija Ezekuttiva. Fil-fehma tal-Qorti, la darba dan id-dritt ghandu jinghata meta persuna arrestata taghmel stqarrija lill-pulizija, anzi mill-fazijiet inizzjali tal-investigazzjoni, l-istess ghandu japplika fir-rigward ta' stqarrija guramentata moghtija quddiem awtorita` gudizzjarja, f'dan il-kaz il-Magistrat Inkwirenti, b'mod partikolari meta wiehed iqis illi stqarrija guramentata, min-natura taghha u proprju ghaliex hija guramentata, ghandha izjed sahha u valur probatorju minn stqarrija rilaxxjata lill-pulizija. Il-Magistrat Inkwirenti, kif diga` inghad, wissiet lill-imputat bid-drittijiet tieghu kif vigenti fiz-zmien tal-kaz, ossia bid-dritt tieghu ghas-silenzju, izda oltre minn hekk, il-Magistrat Inkwirenti ma kinitx f'posizzjoni li taghti lill-imputat d-dritt ghall-assistenza legali la darba dan ma kienx possibbli taht il-ligi Maltija. Fil-fehma tal-Qorti, minkejja l-indipendenza tal-Magistrat Inkwirenti, dan tal-ahhar m'ghandux il-funzjoni ta' avukat difensur, ma jagixxix ta' sostitut tieghu u certament li m'huwiex tenut u m'ghandux jaghti pariri lill-persuna suspettata jew arrestata li tidher quddiemu biex tigguramenta l-istqarrija taghha jew sabiex tixhed. F'dawn ic-cirkostanzi, in linea mas-sentenzi citati izjed 'il fuq, il-Qorti qed tqis ix-xhieda moghtija mill-imputat quddiem il-Magistrat Inkwirenti bhala nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju u m'hijiex ser tiehu konjizzjoni taghha.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Id-difiza talbet ukoll l-isfilz tal-istqarrija guramentata tax-xhud Chantelle Piscopo u dan stante illi lanqas hija ma kienet assistita minn avukat qabel irrilaxxjat l-istqarrija taghha.

Jirrizulta mill-atti illi wara li Chantelle Piscopo irrilaxxjat l-istqarrija taghha lill-Pulizija Ezekuttiva fis-16 ta' Frar 2009, hija ghaddiet sabiex tikkonferma l-istess stqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Anthony J. Vella ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta wkoll illi l-istess Chantelle Piscopo xehdet f'dawn il-proceduri in ezami nhar is-7 ta' Novembru 2011[10] u in kontro-ezami nhar is-27 ta' Mejju 2016[11]. Fix-xhieda taghha in ezami, hija tikkonferma bil-gurament dak li diga` kienet ikkonfermat quddiem il-Magistrat Inkwirenti u in oltre, qabel ghaddiet sabiex taghmel dan, hija tat il-verzjoni taghha minghajr ebda referenza ghall-istqarrija taghha u kien biss wara dan, li saret lilha referenza ghall-istess stqarrija, liema stqarrija kif inghad regghet ikkonfermatha bil-gurament.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Frar 2017 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Clayton Azzopardi</u>**, wara li din il-Qorti ghamlet referenza kostituzzjonali proprju dwar dan il-punt issollevat mid-difiza fil-kaz odjern. F'din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

"*14. Il-kwistjoni li trid tindirizza din il-qorti hawnhekk hija jekk l-istqarrija tax-xhud ewlieni fil-każ tal-attur – u cioè Maria Assunta Vella – hijiex valida u jekk tistax tintuża bħala prova kontra l-attur u dan minħabba l-fatt li l-istess stqarrija ttieħdet mill-pulizija waqt l-interrogazzjoni ta' Maria Assunta Vella mingħajr ma' din kellha l-opportunità sabiex tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha waqt l-interrogazzjoni.*

*15. Dan it-tip ta' ilment dwar stqarrija ta' xhud diġà kien trattat fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet "<u>Mario Borg v. Kummissarju tal-Pulizija et</u>. F'dik il-kawża Mario Borg kien ilmenta, inter alia, dwar il-fatt li x-xhieda ewlenin li xehdu fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu ma kellhomx aċċess għal assistenza legali u għalhekk dak in-nuqqas kellu riperkussjonijiet fil-proċeduri fil-konfront tiegħu. Din il-qorti kienet qalet hekk:*

---

[10] Din ix-xhieda tinsab a fol. 54 *et seq* tal-process.
[11] A fol. 109 *et seq* tal-process.

*»Għalkemm mhux neċessarjament huwa l-każ illi, kif qalet l-ewwel qorti, "F'każ ta` stqarrija li tingħata lill-pulizija, hi biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni" – għax jista' jkun illi min jagħmel l-istqarrija ma jkollux aċċess għal qorti u għalhekk ma jistax jitlob rimedju, iżda xorta jibqa' l-fatt illi l-istqarrija tkun ittieħdet b'abbuż u għalhekk ma tkunx tiswa bħala xiehda – fil-każ tallum iż-żewġ xhieda li għamlu l-istqarrija kellhom kull fakoltà li jikkontestawha iżda mhux biss ma għamlux hekk anzi reġgħu tennew dak li qalu f`xiehda ħielsa quddiem il-qorti. Mela jekk min għamel l-istqarrija ma ċaħadhiex u ma ikkontestahiex u ma lmentax li ttieħdet b'abbuż għalkemm kellu kull fakoltà li jagħmel hekk b'aċċess ħieles għal qorti, dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli.«*

*16. Din il-qorti adottat dan l-istess raġunament fis-sentenza tagħha mogħtija fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. Patrick Spiteri</u> fejn kienet qalet hekk:*

*»37. Dawn l-aggravji, fil-fehma ta' din il-qorti, huma riżultat ta' malintiż pjuttost mifrux illi min hu akkużat b`reat għandu xi dritt fondamentali illi ma titħalla titressaq ebda xiehda li tista' b`xi mod tkun ta' ħsara għalih, bħallikieku għandu d-dritt ukoll illi f kull każ jinstab mhux ħati u illi l-equality of arms tfisser illi l-prosekuzzjoni tiġi mċaħħda mill-mezzi biex tipprova l-każ tagħha.*

*»… … …*

*»39. … … … ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittieħdu bi ksur ta' xi jedd tagħhom, u għalhekk aktar u aktar ma jistax jingħad illi dik l-istqarrija hija illeċita meta min jagħmilha ma jilmentax bi ksur ta' xi jedd tiegħu.*

*»40. Mela l-premessa ta' Spiteri illi l-istqarrijiet ta' Galea u ta' Cachia huma awtomatikament illeċiti għax ma sarux bl-għajnuna ta' avukat hija ħażina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa neċessarjament ħażin ukoll.«*

*17. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, din il-qorti hija tal-fehma li l-fatt waħdu li l-istqarrija ta' Maria Assunta Vella li ttieħdet waqt l-interrogazzjoni tagħha ttieħdet mingħajr ma' kienet assistita minn avukat ma jfissirx, b'daqshekk, li kien hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq tal-attur. Fl-ewwel lok, ix-xhud Maria Assunta Vella li għamlet l-istqarrija kellha kull fakoltà li tikkontestaha iżda mhux biss m'għamlitx hekk anzi reġgħet tenniet dak li qalet f'xiehda ħielsa quddiem il-qorti. La Maria Assunta Vella – il-persuna li għamlet l-istqarrija – ma ċaħditiex*

*u ma kkontestathiex u ma lmentatx li ttieħdet bi ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħha – għalkemm kellha kull fakoltà li tagħmel hekk b'aċċess ħieles għall-qorti – dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli. Fit-tieni lok, fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu l-attur għandu l-fakoltajiet kollha li jagħtuh il-jedd għal smiegħ xieraq, fosthom l-equality of arms; partikolarment, jista' jagħmel il-kontro-eżami lix-xhud Maria Assunta Vella biex b'hekk isostni bl-aħjar mod id-difiża tiegħu.*

*18. Għal dawn ir-raġunijiet dan l-ewwel aggravju li ressaq l-attur huwa miċħud.*"

Din il-Qorti qajla ghandha xi zzid ma' dak appena citat. Kif inghad, izjed 'il fuq, ix-xhud Chantelle Piscopo mhux talli ma kkontestatx l-istqarrija rilaxxjata minnha minghajr il-jedd li tottjeni parir legali, izda kkonfermatha f'dawn il-proceduri u in oltre lanqas ma lmentat li din l-istqarrija ttiehdet lilha bi ksur tad-drittijiet taghha. Dan apparti l-fatt illi d-difiza kellha l-okkazzjoni li taghmel u fil-fatt ghamlet il-kontro-ezami tal-istess xhud. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis ix-xhieda ta' Chantelle Piscopo quddiem il-Magistrat Inkwirenti bhala xhieda ammissibbli.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jirrizulta mill-istqarrija guramentata ta' Chantelle Piscopo[12] illi fil-lejl in kwistjoni, hija kienet gewwa r-residenza ta' Amadeo Pace li ssuggerielha sabiex jixtru "*bicca*" u flixkun inbid u jmorru x'imkien ghall-kwiet. Hija accettat, bdew jaraw lil min ser icemplu sabiex jakkwistawha u wara li Pace cempel lil shabu li qalulu li dak il-hin ma kellhomx, hija cemplet lil certu wiehed Terence, li wara li staqsa lil siehbu wkoll qallu li ma kellux u mbaghad cemplet lill-kugin taghha Stuart (ossia lill-imputat odjern) u dan qalilha biex jitilghu hdejn il-knisja tal-Isla. Hi u Pace marru l-Isla bil-karrozza ta' Pace, Pace ta €25 lill-kugin taghha, stennew xi ghoxrin minuta u Stuart Piscopo gablu bicca blokka tal-*cannabis*, liema blokka Pace tefaghha fil-kartiera. Telghu r-Rinella u Pace ghamel zewg *joints*. Tghid illi hija diga` kienet ftit storduta bix-xorb li kienet xorbot qabel u wara li pejjpet ftit mill-*joint* u kienet ser tixrob ftit inbid waqghet mal-art. Ikkonfermat illi l-bicca raza tal-*cannabis* li kienet qeghda tigi murija lilha kienet l-istess wahda li semmiet qabel u li nstabet fil-*handbag* taghha. Tghid ukoll illi mill-€25 li hallas Pace ghal din il-bicca, hija hallset €11. Tghid illi ma kinitx taf kemm kien ilu jbiegh Piscopo, izda kienet taf li jpejjep il-haxixa u ghalhekk cemplitlu ghaliex basret li jkollu. Tghid ukoll illi hija qatt ma ghamlet uzu mid-droga izda pejjpet *joint* tal-*cannabis* l-ewwel darba fil-lejl in kwistjoni. Tghid in oltre illi kienet taf li Pace kellu l-vizzju

[12] Ara a fol. 19 *et seq* tal-process.

tad-droga u illi kien juza l-haxixa fost droga ohra, izda dahal programm u ma baqax jiehu droga.

Fix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, Chantelle Piscopo tghid illi fl-14 ta' Frar 2009 hija kienet fil-kumpanija ta' Amadeo Pace, meta Pace issuggerixxa li jakkwistaw il-haxixa. Tghid illi gie f'mohhha l-kugin taghha Stuart Piscopo bhala persuna li seta' jfornihom u meta cemplitlu kkonferma li seta' jaqdihom bil-haxixa ghaliex kellu. Ghalhekk ftehmu li jiltaqghu ma' Stuart Piscopo hdejn il-knisja tal-Isla. Tkompli tghid illi hi u Amadeo Pace kienu effettivament ltaqghu mal-imputat hdejn il-knisja kif miftiehem, fejn, wara li Pace hallas lill-istess imputat, dan tal-ahhar tah il-haxixa. Pace qal lil Piscopo sabiex igiblu l-blokka, Piscopo qallu sabiex jaghtih cans, stennewh hdejn il-knisja u gabilhom il-blokka, billi taha lil Pace mit-tieqa tal-vettura. Hi u Pace marru jixtru flixkun inbid, marru r-Rinella u bdew jixorbu u wara li Pace beda jobrom il-lubretti u jfarrak il-blokka, hi hadet tliet nifsijiet, bdiet tara dlam iswed u wara sabet ruhha l-isptar. Tghid ukoll illi meta ftehmu mal-imputat, kienet hi li kellmitu fuq it-telefon. Tghid illi kien Pace li ftiehem mieghu dwar hlas u tghid ukoll illi Pace dar fuqha u talabha riditx tohrog nofs u hija tatu €12 (fil-kontro-ezami taghha, erba' snin u nofs wara l-ezami u seba' snin wara l-kaz tghid illi tahseb li hallset €10, ghalkemm ma tantx kienet tiftakar), biex imbaghad Pace ta lil Piscopo €25 b'kollox. Tghid illi l-imputat tahom bicca blokka shiha tal-haxixa gol-*foil*, li fil-kontro-ezami taghha, tghid illi kienet bicca kannella, qisha kaxxa. Tghid ukoll illi din kienet l-ewwel darba li cemplet lill-imputat ghad-droga. Hija tghid illi lill-imputat kienet cemplitlu ghaliex basret illi forsi kien ser ikollu d-droga, ghalkemm qatt ma kien offrielha droga qabel dakinhar. Din kienet l-ewwel darba li hija kkunsmat id-droga. Tghid ukoll illi ma kinitx taf kif id-droga spiccat fil-*handbag* taghha. Kif inghad izjed 'il fuq, hija kkonfermat ukoll l-istqarrija li hija rrilaxxat lill-pulizija nhar is-16 ta' Frar 2009. Tghid ukoll in kontro-ezami illi hija qabel qatt ma kienet rat haxixa.[13]

F'dawn il-proceduri xehed ukoll Amadeo Pace, li jghid illi kienet il-kugina tal-imputat li laqqghatu mal-istess imputat, li kienu qeghdin id-dar u wara li hu u Chantelle Piscopo ftehmu bejniethom li riedu bicca haxixa, hija cemplet lill-imputat sabiex jottjenuha, marru jiltaqghu mieghu l-Isla, hdejn il-knisja u l-imputat mar igibilhom din il-haxixa sakemm hu u Chantelle stennewh fil-karozza tieghu. Jghid illi l-imputat ghadda l-haxixa ossia bicca raza lil Chantelle mit-tieqa tal-passiggier u kien hu (ix-xhud) li ghadda l-flus ossia €25 lill-imputat. Jghid ukoll illi huwa hareg nofs din is-somma, fil-waqt illi Chantelle harget in-nofs l-iehor. Wara marru jaghmlu sigarett, it-tnejn hadu minnha u Chantelle ma bdietx thossha

[13] Ara x-xhieda a fol. 54 *et seq* tal-process, kif ukoll il-kontro-ezami taghha, a fol. 109 *et seq* tal-process.

sew. Jghid illi kien hu li ssuggerixxa lil Chantelle li jpejjpu r-raza u li hi hattfitu fil-kelma. Jghid illi huwa ma kien jaf lil hadd u kien ghalhekk illi kienet Chantelle li cemplet lill-kugin taghha. Huwa kien qata' mid-droga, izda dakinhar gietu l-leblieba u rega' waqa.[14]

**Ikkunsidrat ukoll**:

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' traffikar tar-raza tal-*cannabis*, fil-waqt illi permezz tat-tieni imputazzjoni, huwa qed jigi akkuzat bir-reat ta' pussess tal-istess droga.

Mill-assjem tal-provi prodotti ossia mix-xhieda ta' Chantelle Piscopo u Amadeo Pace, jirrizulta ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi, illi fil-lejl in kwistjoni, l-imputat odjern biegh ir-raza tal-*cannabis* lill-istess Piscopo u Pace u dan bil-prezz ta' €25. Huwa evidenti illi l-verzjoni ta' Piscopo hija wahda kredibbli, verosimili u konsistenti ghall-ahhar, tant illi hija dejjem baqghet tirrepeti l-istess verzjoni li tat originarjament lill-pulizija sa mill-bidu nett, hekk kif giet mitkellma ghall-ewwel darba gewwa l-isptar. Hlief ghal diskrepanza zghira u dan meta mistoqsija r-raguni ghaliex cemplet proprju lill-imputat dakinhar, li madankollu fil-fehma tal-Qorti ma tincidix fuq il-fatt illi effettivament kien l-istess imputat li pprokura lilha u lil Pace ir-raza tal-*cannabis* fil-jum in kwistjoni, m'hemm xejn fix-xhieda taghha li jista' johloq dubju dwar dak illi sehh fil-lejl in kwistjoni. Fil-verzjoni taghha, Piscopo imbaghad hija korroborata minn Pace, ghalkemm huwa evidenti ghal din il-Qorti illi Pace jipprova kemm jista' jkun jimminimizza l-involviment tieghu f'dak li kien sehh, izda wkoll jikkonferma li Piscopo u hu akkwistaw ir-raza minghand l-imputat odjern.

Il-Qorti tirrileva illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni baqghet ma esebietx is-sustanza in kwistjoni fil-mori ta' dawn il-proceduri li allura baqghet ma gietx analizzata, biss mix-xhieda ta' Piscopo u ta' Pace lanqas ma hemm dubju illi din kienet effettivament raza tal-*cannabis*. Il-Qorti tinnota illi x-xhieda ta' Piscopo li taghti mhux biss deskrizzjoni tas-sustanza izda tindika anke l-process li uza Pace sabiex jaghmel *joint*, kif ukoll ix-xhieda ta' Pace stess li kien midhla tad-droga, ghalkemm ma kienx baqa' jaghmel uzu minnha u ghalhekk kuntrarjament ghal Piscopo ma kienx xi novizz f'dak li kellu x'jaqsam mad-droga, ma jhallux dubju illi din fil-fatt kienet raza tal-*cannabis*. Apparti minn hekk, Pace bhal Piscopo kien lahaq ghamel uzu minn din is-sustanza fil-lejl in kwistjoni qabel ma' Piscopo hassha hazin. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti

[14] Ara din ix-xhieda a fol 82 *et seq*.

tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulzija vs Sharon O'Neil</u>**, datata s-6 ta' Jannar 2004, fejn inghad hekk:

"*Tikkontendi* [l-appellanti] *li s-sempliċi fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess tagħha u li xtrat għal ħaddiehor ir-raża tal-cannabis kif ukoll l-"ecstasy", ma kienx biżżejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-cannabis jew "ecstasy".*

*Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wieħed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analiżi tagħha, jista' jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l-oġġett li dak li jkun xtara (jew żamm jew għadda lil ħaddieħor) kien droga projbita mil-liġi. Mill-banda l-oħra, meta si tratta ta' oġġett li jiġi kkunsmat, tkun haġa assurda li wieħed jippretendi li f'kull każ, biex tinstab ħtija, hemm bżonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oġġetti relatati ma' l-abbuż tad-droga. Fi kliem ieħor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l- "ecstasy", u mhux xi "oġġett" ieħor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni. L-istess jista' jingħad għad-deposizzjoni ta' xhud, wieħed jew aktar, fil-konfront tal-akkużat meta ma tinstabx droga.*"

Din is-sentenza giet abbraccjata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-20 ta' Settembru 2013, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Matthew Saviour Felice Pace</u>**.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi kemm l-ewwel imputazzjoni, kif ukoll it-tieni imputazzjoni gew sodisfacentement ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi, b'dan illi dan qed jinghad biss b'referenza ghall-14 ta' Frar 2009 u mhux ghall-gimghat ta' qabel din id-data, fir-rigward ta' liema ma tirrizulta l-ebda prova.

Irid jinghad ukoll fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni illi l-imputat qed jigi akkuzat bil-bejgh jew <u>talli xort'ohra traffika r-raza tal-*cannabis*</u>. F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva wkoll, ghal fini ta' kompletezza, illi l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-*

*manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Dan ifisser illi d-definizzjoni ta' traffikar fl-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tinkludi l-att ta' min joffri li jipprovdi d-droga. Ghalhekk bil-fatt biss illi l-imputat offra li jipprovdi r-raza tal-*cannabis* lil Piscopo u lil Pace, indipendentement minn dak li seta' gara jew ma garax wara dan u independentement ghalhekk minn kemm kellu success o meno f'dan ir-rigward, ghal fini tal-ligi, sa hawn huwa diga` traffika d-droga. Kif inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta tat-12 ta' Ottubru 2001, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Psaila**, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza fl-istess ismijiet tat-8 ta' Jannar 2002 (Appell Nru. 187/2001):

"*Minn din id-disposizzjoni tal-ligi johrog car li r-reat ta' Traffikar jikkonfigura anki jekk persuna* ***toffri*** *li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikata f'dan l-Artikolu. Fit-test ingliz, il-kelma "joffri" hija trodotta bil-kelma "offer". Issa stante li ma hemmx fl-Ordinanza definizzjoni ta' din il-kelma, allura ghall-finijiet ta' interpretazzjoni, din ghandha tittiehed fis-sinifikat ordinarju taghha, u cioe` li, spontaneament jew fuq rikjesta, direttament jew indirettament,* ***persuna turi****, bil-fatt jew bil-kliem, id-disponibilita` taghha li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikati.*

*In propositu huma interessanti l-osservazzjonijiet maghmula fil-Blackstone Criminal Practice 2001 – (11$^{th}$ Ed. B20.29) fuq l-interpretazzjoni tal-frasi "****Offering to Supply****" kontenuta fil-Misuse of Drugs Act 1971 s. 4. "****An offer may be made by words or conduct … Whether the accused intends to carry the offer into effect is irrelevant; the offence is complete upon the making of an offer to supply****" (vide kazistika indikata – pg. 776).*"

Kif imbaghad inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-istess ismijiet, fuq citata:

"*Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, appena l-appellant accetta li jaqdi lill-persuna li kienet cemplitlu immaterjalizza r-reat ta' traffikar fir-raza tal-cannabis u mhux, kif donnu qed jippretendi l-appellant, ir-reat ta' tentattiv ta' traffikar*".

Ghaldaqstant, a bazi tas-suespost, appena l-imputat accetta r-rikjesta ta' Piscopo u Pace illi huwa jipprokuralhom ir-raza tal-*cannabis*, liema rikjesta l-imputat tant accettaha illi huwa ftiehem u effettivament iltaqa' maghhom hdejn il-knisja tal-Isla ghal dan il-ghan u anke ha l-flus minghand Pace, qabel mar sabiex igib din ir-raza, huwa sar hati ta' traffikar tar-raza tal-*cannabis*.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat ukoll talli zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II, minghajr ma kellu licenzja taht l-Att dwar l-Armi.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi fis-27 ta' Marzu 2009, gie esegwit mandat fil-konfront tal-imputat odjern u dan gewwa r-residenza tieghu fl-Isla. Ghalkemm ma nstabet l-ebda droga jew oggetti konnessi mad-droga matul din it-tfittxija, PS 1044 Gordon Calleja jixhed illi nstab "*skartocc vojt*".[15] Fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Johann J. Fenech ukoll jiddeskrivi dak li nstab fir-residenza tal-imputat bhala skartocc vojt[16], ghalkemm ma jidhirx li kien prezenti ghal din is-sejba, izda imbaghad f'xhieda sussegwenti jiddeskrivi dan bhala "*balla*"[17] u jipprezenta l-istess bhala Dokument JF3. Minkejja li kienet prezenti ghal din it-tfittxija, WPC 297 Leanne Sant tghid illi t-tfittxija irrizultat fin-negattiv u ma tiftakarx jekk instabx xi haga, filwaqt illi PC 1213 jghid illi ma jiftakarx x'tip ta' balla kienet u dan b'referenza ghat-tfittxija fir-residenza tal-imputat. Da parti taghha, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2012, id-difiza ddikjarat illi ma kinitx qeghda tikkontesta l-fatt illi l-munizzjoni esebit jikkonsisti f'*bullet* ta' arma tan-nar u li ghalhekk ma kienx hemm il-htiega ta' nomina ta' espert sabiex jirrelata dwar dan il-munizzjon.

Effettivament, il-Qorti tqis illi kien x'kien l-oggett misjub gewwa r-residenza tal-imputat, ossia kienx skartocc vojt, balla jew *bullet* ta' arma tan-nar, tqis ukoll illi fil-waqt illi din l-imputazzjoni tirreferi ghall-14 ta' Frar 2009 u l-gimghat ta' qabel din id-data, l-oggett in kwistjoni nstab fir-residenza tal-imputat fis-27 ta' Marzu 2009. La darba gew skartati l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat, ma jirrizultax ippruvat illi fid-data u l-jiem li ghalihom tirreferi din l-imputazzjoni, tali oggett kien diga` fil-pussess tal-imputat.

Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirrizultax ippruvata.

[15] Ara x-xhieda a fol. 7 tal-process.
[16] Ara a fol. 10 tal-process.
[17] A fol. 51 tal-process.

Il-Prosekuzzjoni addebitat ukoll lill-imputat odjern bl-aggravju fit-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan il-proviso jipprovdi hekk:

"*Izda wkoll meta persuna tinsab hatja kif provdut fil-paragrafu (a)(i) jew fil-paragrafu (b)(i) u r-reat ikun sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgh, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, lil minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew rijabilitazzjoni mid-dipendenza mid-droga, il-piena tizdied bi grad.*"

Dwar dan fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza tikkontendi illi apparti li ma ngabitx prova illi r-reat sehh gewwa d-distanza li ssemmi l-ligi, mill-perimetru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh, il-fatt li mix-xhieda jirrizulta illi l-inkontru mal-imputat sar hdejn knisja, ma jfissirx b'daqshekk illi knisja ghandha tigi meqjusa bhala post fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh. Dwar dan, il-Qorti taqbel mad-difiza. Ghalkemm gewwa l-knisja jmorru diversi nies, fosthom ukoll zghazagh, madankollu ma tqisx il-knisja bhala post fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh. Jirrizulta f'dan il-kaz madankollu illi fiz-zmien tal-kaz odjern, Chantelle Piscopo kienet ghadha minuri ta' sittax-il sena. F'dan ir-rigward kemm l-istqarrija taghha tas-16 ta' Frar 2009, kif sussegwentement ikkonfermatha minnha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti tindika dan, kif ukoll l-att tat-twelid tal-istess Chantelle Piscopo esebit a fol. 53 tal-process, liema att juri illi hija twieldet nhar it-18 ta' Novembru 1992 u li ghalhekk kienet proprju minuri ta' sittax-il sena meta sehh il-kaz odjern. Irid jinghad ukoll illi jidher illi bi zvista dan l-att tat-twelid gie indikat fil-verbal tas-seduta li fih gie esebit mill-Prosekuzzjoni bhala certifikat tat-twelid tal-imputat, biss huwa evidenti mill-kontenut tal-istess illi dan mhuwiex ghajr l-att tat-twelid ta' Chantelle Piscopo tant illi l-konnotati kollha fl-istess att jaqblu ma' dawk imnizzla fl-istqarrija taghha, kif ikkonfermatha minnha, inkluz ukoll illi n-numru ta' registrazzjoni indikat fl-istess att jaqbel man-numru tal-karta tal-identita` tal-istess Piscopo. Ghaldaqstant, dan l-aggravju jirrizulta sodisfacentement ippruvat.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tieghu in kunsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali aggornata tal-imputat li hija wahda netta. Tqis ukoll illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, tant illi l-

Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputat ghandu jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-waqt illi tqis ukoll is-serjeta` tar-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni, tqis ukoll min-naha l-ohra l-eta` tenera tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern, kif ukoll illi m'hemm l-ebda prova fl-atti illi l-imputat traffika d-droga ghajr f'din l-okkazzjoni.

Ghal fini ta' piena, qeghda tqis ukoll ir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi mwettaq ir-reat fl-ewwel imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), il-proviso tal-Artikolu 22(2)(b) u l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet (in kwantu biss dawn jirreferu ghall-14 ta' Frar 2009 u mhux ghall-gimghat ta' qabel din id-data), kif ukoll tal-aggravju ai termini tal-proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 u tikkundannah ghall-piena ta' tliet (3) xhur prigunerija effettiva u multa ta' seba' mitt ewro (€700) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni ta' Dokument JF 3[18] hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

[18] Ara x-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech tas-7 ta' Novembru 2011 (a fol. 51 tal-process).